# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 87/7

It-Tlieta 11 ta' Lulju 2017

Il-Kunsilli Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier
Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

87.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

87.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (86/7 [22/06/17]);

87.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

87.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

87.5 Rapporti;

87.6 Riġenerazzjoni ta' Ġnien Raymond Caruana - progress;

87.7 Estensjoni tal-Librerija G. Zammit/*Life Long Learning Centre* - progress;

87.8 Jum il-Gudja 2017;

87.9 *Resurfacing* u xogħlijiet oħra f'parti minn Triq iż-Żebbuġa, il-Gudja

87.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

87.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**87.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

87.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**87.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (86/7 [22/06/17)**

87.2.1 Dawn il-minuti li ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa u li kien hemm qbil li jiġu meħuda bħala moqrija. Kien hemm ukoll qbil unanimu li dawn il-minuti jiġu approvat nem con.

**87.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

87.3.1 Laqgħa mas-Sur Bertram Portelli u l-ekskunsilliera Sa Grech li saret fis-06 ta' Lulju 2017. Ħruġ ta' ktieb ġdid f'isem il-Kunsill. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa deher ċar li ma kien hemm ebda konklużjoni dwar il-ħruġ tal-ktieb ġdid. Deher ukoll ċar li għalkemm kienu inkisbu 3 kwotazzjonijiet dawn ma tressqux għand il-Kunsill u li l-Kunsill ma kellu ebda finanzjament provdut sabiex jilqa' din l-ispiża.

Is-Sindku qal li deher ċar li ma kienx qed ikun hemm qbil dwar il-kontenut kif ukoll l-isem ta' dan l-istess ktieb.

Is-Sindku stqarr li waqt din il-laqgħa l-ekskunsilliera Sa Grech qablet li minħabba dan in-nuqqas ta' qbil, hija ma setgħetx tinforma lil Kunsill dwar din il-materja kif kien oriġinaljament previst.

F'dan l-istadju intervjena s-Sur Caruana billi qal li din il-materja ġiet quddiem il-Kunsill mill-11 ta' Jannar 2016 kif ukoll fl-01 ta' Frar 2017. Is-Sur Caruana qal li anke dawn it-tliet kwotazzjonijiet kienu wkoll twasslu fuq il-mejda tal-Kunsill.

Is-Sur Caruana żied li sadattant inqala' ktieb ieħor u tlesta u ħareġ għand il-pubbliku. Is-Sur Caruana qal li din is-sitwazzjoni jħossu li hija *unfair* fil-konfront tal-awtur is-Sur Portelli.

Is-Sur Sammut qal li din il-materja ilha tkaxkar madwar sentejn u li l-Kunsill għalhekk għandu jieħu deċiżjoni.

Is-Sur Caruana qal li hemm bżonn li l-Kunsill ikollu tip ta' *policy* u jkun preparat minn qabel meta jkun hemm xi proposta dwar il-pubblikazzjoni ta' xi ktieb bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

Is-Sur Baldacchino stqarr li jkun jagħmel sens li fiċ-ċirkustanzi din il-pubblikazzjoni tkun maħsuba li toħroġ għal Jum il-Gudja 2018.

Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu din il-materja għandha tkun fdata f'idejn il-Kunsillier is-Sur Fenech li kien maħsub li jieħu t-temi kollha fid-dekasteru tal-ekskunsilliera Grech.

Is-Sindku qal li jkun tajjeb li s-Sur Fenech ikollu laqgħat mas-Sur Portelli u li jinforma lill-Kunsill dwar din il-materja minn żmien għal żmien.

Il-Kunsill qabel ma' dak li ppropona s-Sindku u l-Viċi Sindku.

87.3.2 Laqgħa mal-ekskunsilliera Sa. Grech dwar xogħol pendenti f'isem il-Kunsill i saret ifl-06 ta' Lulju 2017. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa Sa. Grech stqarret li fil-fehma tagħha kellha 3 temi pendenti li huma dawn is-segwenti:

a. ktieb bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill
b. ftehim mal-iskola dwar l-użu ta' żewġt ikmamar u użu aħjar tal-iskola speċjalment meta din ma tkunx qed tintuża
c. GAL Xlokk

Dwar l-ewwel tema din diġà ssemmiet f'dawn l-istess minuti. Dwar it-tieni tema hija qalet li l-Kunsill jinsab infurmat dwar il-ftehim propost. Sa. Grech qalet li fil-fehma tagħha l-Kap tal-Iskola ma kinitx turi rispett lejn il-ħidma u l-aspirazzjoni tal-Kunsill li jaħdem fl-aħjar interess tal-komunità tal-Gudja.

Dwar it-tielet tema Sa. Grech qalet li ma kinitx tirċievi komunikat mingħand il-GAL Xlokk b'mod regolari u b'hekk tħoss li l-Kunsill għandu jagħmel kuntatt

dirett mad-diriġenti tal-GAL sabiex jara liema relazzjoni jista' jistabbilixxi fl-aħjar interess tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li huwa kemm f'ismu kif ukoll f'isem il-Kunsill xtaq jirringrazzja l-ħidma tagħha f'isem il-Kunsill u xtaqilha kull suċċess fil-ħidma u fil-ħajja tagħha. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dawn is-sentimenti kif espressi mis-Sindku.

87.3.3 Dekasteru tal-Kunsillier Fenech. Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu s-Sur Fenech għandu l-abiltà u l-ħeġġa kollha li jmexxi d-dekasteru li kien fdat f'idejn l-ekskunsilliera Sa. Grech f'isem il-Kunsill Lokali tal-Gudja u dan skont proċeduri stabbiliti u skont l-ordnijiet permanenti dwar l-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dak li ppropona s-Sindku dwar din il-materja.

Is-Sur Fenech aċċetta dan id-dekasteru u stqarr li huwa kien lest u entużjasta li jaħdem bil-ħerqa kollha fi ħdan il-Kunsill b'risq il-komunità tal-Gudja.

Is-Sur Fenech għalhekk huwa responsabbli għal dawn it-temi:
Edukazzjoni –
- Korsijiet edukattivi
- Ċentru ta' Tagħlim Matul il-Ħajja
- Skejjel ġewwa l-Gudja speċjalment l-iSkola Primarja tal-Gudja
- Studenti
- Librerija G. Zammit
- Jum il-Qari

Riċerka u ħidma dwar l-akkwist ta' fondi mill-Ewropa sabiex jiġu ffinanzjati proġetti ta' fejda għall-Kunsill.
Relazzjoni mal-Malta European Union Strategic Action Committee (MEUSAC)
Relazzjoni mal-GAL Xlokk

**87.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

87.4.1 Żvilupp ta' *guest house* fi Triq il-Kbira, il-Gudja (żona ristretta). Is-Sur Fenech qal li kienet inġibdet l-attenzjoni li kienu telgħu filati fuq il-faċċata tal-bini f'95 fi Triq il-Kbira u jista' jagħti l-każ li dan kien bi ksur ta' dak approvat. Waqt din l-istess laqgħa l-Kunsill daħal fis-sit tal-PA u ġie aċċertat li dak li nbena huwa wkoll approvat mill-PA.

87.4.2 Bini ta' ċint fi Triq Ħal Safi, il-Gudja. Fuq mistoqsija ġenerali dwar dan il-ħajt, is-Sindku stqarr li kien qed jara dwar dan mas-sid tal-lok responsabbli.

86.4.3 *Scrapyard* fejn jgħixu r-residenti. Is-Sur Caruana staqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill jafx li hemm *scrapyard* qalb ir-residenti u li dan il-lok jinsab magħluq b'katina. Is-Sindku qal li kienu qed jittieħdu passi sabiex dan is-sit jitnaddaf u jinżamm tajjeb kif meħtieġ.

87.4.4 Xogħol ta' tarmak qrib Palazzo d'Aurel. Is-Sur Caruana qal li riċentament sar xogħol ta' tarmak li għalkemm dan kien meħtieġ fil-fatt tħalla barra x-xogħol fuq il-bankina li kellha ssir żmien ilu sabiex jitneħħa l-periklu għal dawk kollha li jiffrekwentaw l-inħawi.

Is-Sur Caruana stqarr li sa żmien ilu huwa kien fuq il-post flimkien mas-Sindku u diriġenti tat-TM u kien hemm qbil li fil-kantuniera tal-palazz, il-bankina titwessa' sabiex l-inħawi ikunu aktar siguri. Is-Sur Caruana qal li fil-fatt it-TM kienet diġà qablet dwar dan u għalhekk huwa kien ferm sorpriż li filwaqt li sar dan ix-xogħol ta' asfaltar ma sarx dan ix-xogħol tant meħtieġ.

Is-Sindku wieġeb li fil-fatt il-Kunsill ma kienx infurmat dwar dawn ix-xogħlijiet u jidher li għalkemm dawn l-inħawi huma barra mir-responsabiltà tal-Kunsill iżda fil-konfini tal-Gudja, ġara, milli jidher li dwar dawn ix-xogħlijiet ħareġ l-approvazzjoni mill-Kunsill ta' Ħal Għaxaq.

Il-Kunsill qed jara dwar dak li seta' ġara u li jittieħdu passi dwar dak li ġie mwiegħed mit-TM sabiex jitneħħa l-periklu biswit Palazzo d'Aurel li tagħti għal Triq Ħal Għaxaq.

87.4.5 Xogħol ta' konkos fit-trejqiet fi Triq Birżebbuġa u fi trejqa fi Triq Bur Ġlat (biswit il-kampanja).

Is-Sur Sammut qal li anke dwar dawn ix-xogħlijiet il-Kunsill la ġie infurmat u lanqas involut. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill għandu kull interess li jkun jaf min qed jagħmel ix-xogħol sabiex jassigura li jsir dak meħtieġ u li l-kwalità tax-xogħol tkun dik meħtieġa u li tirrispetta l-ambjent. Is-Sindku wieġeb li fil-fehma tiegħu dan ix-xogħol kien qed isir fil-programm tal-Gvern Ċentrali iżda ma kienx ċert dwar dan. Fil-fatt il-Kunsill mhux involut jew infurmat dwar dan.

Is-Sindku fakkar li dwar ix-xogħol fi trejqa fi Triq Birżebbuġa (fil-parti fil-kampanja) il-Kunsill kien diġà ivvota s-somma ta' €5000.00 dwar dawn ix-xogħlijiet. Kemm is-Sur Caruana kif ukoll is-Sur Sammut saħqu li l-Kunsill għandu jkun jaf min kien qed jagħmel ix-xogħol, u l-Perit responsabbli sabiex jiġi assigurat ukoll li l-materjal li jintuża huwa *environmental friendly* u li jkun iservi għall-ħtiġijiet kemm tal-bdiewa kif ukoll ta' dawk li jiffrekwentaw l-inħawi.

Is-Sur Caruana fakkar li meta kien approvat ix-xiri ta' konkos dan kien fuq bażi ta' emerġenza iżda kien hemm qbil ukoll li jinkiseb parir professjonali dwar il-materjal li jista' jintuża u li jirrispetta l-ambjent.

87.4.6 Xogħol ta' kostruzzjoni fi Triq il-Lewż. Is-Sur Baldacchino staqsa jekk il-Kunsill jinsabx konxju li din il-kostruzzjoni qed tkun ta' inkonvenjent kbir għar-residenti. Is-Sindku wieġeb li huwa jinsab infurmat li kien hemm diversi rapporti anke għand il-PA u uffiċjali tal-PŻA li marru fuq il-post u li wissew lil dik il-persuna responsabbli. Is-Sur Baldacchino qal li għalkemm huwa jifhem

li xogħol ta' kostruzzjoni jista' jikkawża inkonvenjent għar-residenti tal-madwar, wieħed għandu juża l-prudenza u jieħu kull prekawzjoni sabiex ikun hemm sigurtà meħtieġa u li l-inkonvenjent ikun mill-inqas possibbli.

87.4.7 Kontijiet ta' €9,650.81 li l-Kunsill irċieva mingħand l-ARMS dwar id-dawl ta' Ġnien Ġlormu Cassar (Tax-Xlejli). Il-Kunsilliera kollha preżenti staqsew dwar il-qagħda dwar dawn il-kontijiet. Is-Sindku qal li l-Kunsill għadu jinsisti li dawn il-kontijiet mhux dovuti mill-Kunsill u għalhekk il-Kunsill qed jirrifjuta dawn il-kontijiet kif jidher ċar fil-korrispondenza tal-Kunsill li diġà intbagħtet u li sejra tintbagħat sakemm il-Kunsill jibqa' ffaċċjat b'din il-problema.

Is-Sindku qal li l-Kunsilliera kollha għandhom u sejrin ikollhom kopja ta' din il-korrispondenza sabiex ikunu jistgħu jsegwu dwar dak li jkun qed jiġri dwar din il-materja minn żmien għal żmien.

87.4.8 Proġett tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ Gudja. Sa. Camilleri stqarret li kienu għamlu sottomissjoni tal-proġett kif kien maħsub iżda hemm bżonn l-għajnuna tal-ħaddiema tal-Kunsill dwar xogħol ta' *finishings* li jistgħu isiru minn dawn il-ħaddiema u jiġu ffrankati dawn l-ispejjeż.

Is-Sindku wieġeb li sejjer jara li l-ħaddiema tal-Kunsill sejrin ikunu involuti sabiex jgħinu kif ikun meħtieġ.

**87.5.0 Rapporti**

87.5.1 Romeo Baldacchino (Viċi Sindku)

a. Progress dwar xogħol ta' titjib fi Ġnien Raymond Caruana. Is-Sur Baldacchino qal li kien qed ikun hemm kuntatt frekwenti mal-Perit inkarigata u li x-xogħol ikun jista' jibda u jimxi kif ippjanat malli joħorġu l-permessi meħtieġa.

b. Xogħol ta' knis ġewwa l-Gudja. Is-Sur Baldacchino stqarr li dan ix-xogħol mhux qed ikun sodisfaċenti u għalhekk il-Kunsill għandu joħroġ sejħa għall-offerti ġdida sabiex jinħatar kuntrattur ġdid. Il-Kunsill qabel li jsiru arranġamenti sabiex il-kuntrattur preżenti jkompli sa wara l-festa ta' Santa Marija u sadattant jibdew l-proċeduri meħtieġa dwar kuntrattur ġdid.

c. Ċirkulari dwar ġbir ta' skart. Is-Sur Baldacchino qal li din iċ-ċirkulari sejra titqassam lir-residenti kollha fi ftit żmien u sejra tkun b'żewġ lingwi. Is-Sur Baldacchino qal ukoll li sidien ta' blokk ġewwa l-Gudja li jidher li qegħdin jiżdiedu, sejrin jingħataw tabelli b'dettalji tal-ġbir tal-iskart li għandhom jitwaħħlu fid-daħla ta' dawn l-appartamenti sabiex l-abitanti jkunu infurmati sewwa dwar is-servizz tal-ġbir tal-iskart u li jimxi skont il-proċedura u b'hekk jonqos l-abbuż u tinżamm l-ordni dwar tindif.

87.5.2 Stefan Caruana (Kunsillier)

a. Lejla Nostalġika 2017, it-Tlieta 11 ta' Lulju 2017. Is-Sur Caruana qal li din saret parti mill-programm ta' Jum il-Gudja 2017. Is-Sur Caruana qal li jidher ċar li dan it-tip ta' attività qed jintlaqgħu sewwa kemm mir-residenti kif ukoll minn persuni barra mill-Gudja li jsiru jafu f'dawn l-attivitajiet.

b. Serati ta' daqq klassiku fil-ġranet tas-sajf. Is-Sur Caruana qal li tkun ħaġa f'waqtha li jiġi stabbilit li għal xi 3 darbiet ikun hemm sejħa ta' daqq bejn is-7.00pm u t-8.30pm. Il-Kunsill qabel li dan jista' jsir u kull min ikun jixtieq jista' jagħmel dan billi jagħmel applikazzjoni għand il-Kunsill u jsiru l-preparazzjoni meħtieġa mill-organizzaturi.

Is-Sur Fenech qal li barra Ġnien R. Caruana jista' jintuża wkoll Ġnien G. Cassar. Is-Sur Fenech qal ukoll li dawn l-okkażjonijiet jistgħu wkoll jintużaw sabiex il-Kunsill jagħti ġieħ lil persuni li rnexxew u taw ġieħ u għamlu isem f'risq il-Gudja.

Il-Kunsill qabel li fil-postijiet miftuħa li jservu ta' żvog u mistrieħ kemm għar-residenti kif ukoll għal kull min jiffrekwenta dawn l-inħawi għandu jkun hemm osservanza ta' saħħa u sigurtà kif ukoll li jkun hemm dawl tajjeb anke matul il-lejl.

87.5.3 George Fenech (Kunsillier)

a. Laqgħa mas-Sur Bertram Portelli. Is-Sur Fenech qal li huwa kien sejjer jiltaqa' mal-awtur is-Sur Portelli kif ġie deċiż qabel f'dawn il-minuti u li kien sejjer jinforma l-Kunsill dwar dan minn żmien għal żmien.

**87.6.0 Riġenerazzjoni ta' Ġnien Raymond Caruana – progress**

87.6.1 Din it-tema diġà ġiet ittrattata aktar 'il quddiem f'dawn l-istess minuti.

**87.7.0 Estenzjoni tal-Librerija G. Zammit/Life Long Learning Centre**

87.7.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-qagħda preżenti u wera d-diżappunt tiegħu dwar id-diffikultajiet li qed jaffaċċja mingħajr raġuni valida. Il-Kunsill qabel li jkompli bl-isforzi tiegħu f'din id-direzzjoni sabiex jinkiseb il-ġid f'risq il-komunità kollha tal-Gudja.

**87.8.0 Jum il-Gudja 2017**

87.8.1 Il-Kunsill approva l-programm hekk skont hawn isfel indikati:-

10 ta' Lulju fis-7.30pm - Lejla Nostalġika 2017 - siltiet mużikali, kant, żfin u qari ta' letteratura Maltija ġewwa Ġnien Raymond Caruana
11 ta' Lulju fid-9.30am - Tqassim ta' kotba lit-tfal li deħlin l-ewwel darba l-*kindergarten* 17/18 quddiem il-Librerija G. Zammit

13 ta’ Lulju - Ħarġa għal Għawdex
15 ta’ Lulju – Jum il-Gudja

Fis-6.00pm – Tlaqqa’ l-banda fil-qasam tad-djar tal-Mitħna u tkompli b’daqq ta’ banda f’diversi toroq madwar il-Gudja bis-sehem tal-Għaqda Mużikali Marija Assunta u s-Soċjetà Filarmonika La Stella.
Fis-6.30pm - Quddiesa ta’ Radd il-Ħajr fil-Knisja Arċimatriċi u Arċipretali tal-Gudja bis-sehem tal-Għaqdiet kollha tal-Gudja. Wara jsir it-tqegħid tal-fjuri fuq il-mafkar tall-monument tal-Gwerra
Fis-7.30pm – Korteo mal-banda minn ħdejn il-Knisja għal Triq San Mark
Fit-8.00pm – Bidu tal-Lejla Gudjana fi Triq San Mark b’talent lokali Gudjan.

**87.9.0 Resurfacing u xogħlijiet oħra f’parti minn Triq iż-Żebbuġa, il-Gudja**

87.9.1 Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill b’mod unanimu approva li l-*Quantity Surveyor* (QS) is-Sur Kevin Borg sabiex jindirizza u jagħti tagħrif lill-Kunsill dwar dan il-proġett kif ikun meħtieġ.

Is-Sur Borg ippreżenta lill-Kunsill bi 3 stimi (għażliet) li jieħdu fil-konsiderazzjoni 3 tipi ta’ materjal.

Dawn it-3 għażliet jiswew:

a. €45577.80
b. €33296.17
c. €78451.13

Il-Kunsill qabel li dawn l-inħawi li jinsabu fil-qalba tar-raħal biswit il-knisja jixirqilhom xogħol u materjal jkompli juri l-ġmiel tal-ambjent tagħhom.

Saret diskussjoni u fuq proposta tas-Sur Baldacchino sar qbil u għandu jkun hemm passaġġ fin-nofs li jservi għal persuni bi bżonnijiet speċjali li jużaw is-siġġu tar-roti.

Barra mit-3 għażliet, il-Kunsill xtaq ukoll ikollu stimi dwar materjal ieħor bħal dak jew simili ta’ dak li ntuża fi Triq Rużar Formosa u li jsir xi dawl fl-art jew fil-ġnub.

Is-Sur Borg qabel li sejjer jippreżenta dawn l-istimi fi żmien qasir sabiex il-Kunsill ikun f’pożizzjoni li jieħu deċiżjoni finali meta jkollu l-informazzjoni kollha meħtieġa.

Dwar il-finanzjament il-Kunsill qabel li l-Kunsill ifittex is-sorsi kollha possibbli fosthom fondi tal-UIF, TM, Heritage Funds u l-Ministeru tat-Toroq.

Il-Kunsill approva li dawn l-istimi jiġu parti minn dawn il-minuti mmarkati ‘Dok A’.

**87.10.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

87.10.1 Il-Kunsill approva il-lista ta' pagamenti nru 45/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mis-Sindku John Mary Calleja u ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino għall-ammont totali ta' €10500.95. Din l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**87.11.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

87.11.1 Kontinwazzjoni tar-*ring road*. Il-Kunsill qabel li jikteb lil Ministru Dr. Ian Borg sabiex din it-triq titkompla u tiġi salvata l-qalba tal-Gudja. Din il-kontinwazzjoni tat-triq li bdiet bosta snin ilu ssolvi l-problemi u l-periklu preżenti kemm għar-residenti tal-Gudja kif ukoll għal dawk li jiffrekwentaw il-Gudja.

87.11.2 Dawl fi Triq Raymond Caruana. Il-Kunsill qabel li jinkiseb parir tal-kuntrattur Nexos dwar kif jista' jiżdied jew jitqawwa d-dawl fi Triq R. Caruana għaliex dan jinħass li huwa ta' ħtieġa speċjalment mir-residenti.

87.11.3 Arblu maġġur għall-bandiera tal-Gudja. Is-Sindku qal li għadu ma sabx fornitur għal arblu meħtieġ.

87.11.4 Tlielaq biswit l-inħawi Ta' Loretu. Il-Kunsill approva li ssir din l-attività sakemm jiġu osservati l-ħarsien u sigurtà kif ikun meħtieġ u li tinżamm l-indafa kif ikun meħtieġ.

87.11.5 Konfini fl-inħawi ta' Ħas-Saptan. Il-Kunsill qabel li jitlob bidla fil-konfini sabiex jiġu stabbiliti b'mod ċar u inekwivoku li dawn l-inħawi li ħafna minnhom jinsabu mitluq peress li mhux ċar f'liema konfini jinsabu u għalhekk għandhom jgħaddu fil-konfini tal-Gudja b'mod ċar sabiex jiġu mħarsa kif ikun meħtieġ.

Il-Kunsill qabel ukoll rigward il-bdil fil-konfini oħra sabiex il-Kunsill ikompli jitlob li t-terminal il-ġdid tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u partijiet oħra fosthom il-bini ta' SkyPark, jiġu nkorporati b'mod uffiċjali fil-konfini tal-Gudja.

87.11.6 Ħruġ ta' tenders. Knis ta' toroq madwar il-Gudja; Żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi. Il-Kunsill qabel li dawn joħorġu mill-aktar fis possibbli.

87.11.7 Ġbir ta' skart goff. Il-Kunsill jinsab infurmat li qed isiru arranġamenti li minħabba ċirkustanzi, dan l-iskart qed jinġabar mill-Kunsill permezz ta' trakk li s-sid tiegħu huwa s-Sindku. Dan qed isir bla ħlas iżda bil-ħidma tal-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

Is-Sur Sammut stqarr li kollox għandu jsir bl-osservanza kollha tal-liġi u li jiġu mħares l-ambjent.

Is-Sindku stqarr li kien qed jieħu passi sabiex l-van jikseb l-permessi u l-approvazzjoni meħtieġa sabiex l-iskart miġbur jiġi mormi fiċ-Ċentru għall-Iskart Goff kemm ta' Ħal Far kif ukoll ta' Ħal Luqa. Sadattant xi oġġetti miġbura qed jintefgħu fl-*open skips*. Is-Sindku stqarr li b'dak li qed iseħħ qed jiġi rispettat l-ambjent u li qed jiġi assigurat li l-iskart goff ma jiġix mormi fil-kampanja u nħawi ta' madwar il-Gudja u li l-Kunsill ikun qed jiffranka l-flus.

87.11.8 Xogħol fuq bankini madwar il-Gudja. Il-Kunsill qabel li jsir programm ta' xogħol sabiex dawn il-bankini jkunu aċċessibbli u rranġati fejn ikun meħtieġ. Il-Kunsill qabel ukoll illi fejn ikun qed isir xogħol ta' kostruzzjoni l-bankini għandhom jibqgħu aċċessibbli permezz ta' planki u li wara li jispiċċa x-xogħol ta' kostruzzjoni dawn il-bankini għandhom jiġu rranġati kif ikun meħtieġ mill-istess kuntrattur jew bi spejjeż tiegħu.

87.11.9 Peress li s-suġġetti kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.10pm filwaqt li aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 01 ta' Awwissu 2017 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv